

# ATTI ADOTTATTI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**DEĊIJONI Nr. 1/2011 TAL-KUMITAT DWAR IT-TRASPORT FUQ L-ART TAL-KOMUNITÀ/ L-ISVIZZERA**

**tal-10 ta' Ġunju 2011**

dwar l-għoti ta' ribass fuq it-tariffa tat-traffiku ta' vetturi kummerċjali tqal, ibbażata fuq il-prestazzjonijiet tat-tipi ta' emissjonijiet EURO II u III, b'sistema ta' tnaqqis ta' materja partikulata approvata

(2011/455/UE)

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, u b'mod partikolari l-Artikolu 51(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 40, mill-1 ta' Jannar 2001, l-Isvizzera timponi tariffa mhux diskriminatore fuq vetturi sabiex tkopri l-ispejjeż li dawn jikkważaw (tariffa bbażata fuq il-prestazzjoni tat-traffiku ta' vetturi kummerċjali kbar).
- (2) Skont l-Artikolu 44, il-partijiet kontraenti jiffissaw minn qabel l-għan li jintroduċi miżuri ekoloġiċi maħsuba sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata ta' vetturi kummerċjali kbar.
- (3) Skont l-Artikolu 7(5), kull parti kontraenti tintrabat li ma tapplikax għall-vetturi approvati fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra kundizzjonijiet li huma aktar ristrettivi minn dawk fis-seħħ fit-territorju tagħha stess.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Jingħata ribass ta' 10 % fir-rigward tal-livell tal-kategorija tarif farja konċernata lill-vetturi li għandhom kategoriji ta' emissjonijiet tat-tipi EURO II u EURO III li ġew mgħammara b'sistema approvata ta' tnaqqis tal-materja partikulata u li minħabba fihom l-Artikoli 2 u 3 huma ssodisfati.

## Artikolu 2

Ir-ribass imsemmi fl-Artikolu 1 jingħata biss f'każ ta' vetturi li huma rreġistrati għal-liċenzja tal-użu tat-triq jew xi ċertifikazzjoni oħra ekwivalenti mill-awtoritajiet nazzjonali li tikkonferma

li l-vettura ġiet mgħammra b'sistema approvata għat-tnaqqis tal-materja partikulata li tippermetti, skont il-leġiżlazzjoni Svizzera jew tal-Istat Membru fejn tkun irregistrala l-vettura, li jiġi rrispettat għallinqas il-valur massimu ta' emissjoni ta' materja partikulata li jikkorrispondi għat-tip ta' emissjoni tal-istandard EURO IV, jiġifieri massa ta' materja partikulata (PM) ta' 0,02 g/kWh.

## Artikolu 3

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 2, l-awtoritajiet ikkonċernati tal-Istat Membru tal-UE fejn ġiet irregistrala l-vettura, jagħmlu mill-aħjar sabiex minn issa sat-30 ta' Settembru 2011 jibagħtu hill-awtoritajiet Svizzeri, kopja tar-reġistrazzjoni tas-sistema li tiffiltr l-materja partikulata fil-liċenzja tal-użu tat-triq jew ta' ċertifikazzjoni oħra ekwivalenti li tikkonferma li din il-kopja tiggarranti r-rispett tal-valur massimu ta' emissjoni ta' materja partikulata tal-istandardi EURO IV.

## Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti Svizzeri jirriżervaw id-dritt li jikkontrollaw li l-valur massimu tal-emissjoni tal-materja partikulata ffissat bl-Artikolu 2, huwa osservat minn kull vettura kummerċjali kbira li jkollha filtru għal materja partikulata għar-ribass fuq it-taxxa.

## Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2011.

Il-President  
Enrico GRILLO PASQUARELLI

Il-Kap tad-delegazzjoni Svizzera  
Peter FÜGLISTALER